## JUM IR-REBHA

Wasal il-waqt: ma' l-erba' rjieħ ixxandret
L-aħbar sabiħa minn tar-Rebħa tagħna.
L-Italja waqgħet. Bħal erwieħ ferrieħa
Stenbħu l-qalbiena biex jifirħu magħna,

Dawk il-qalbiena li għall-Ġieħ w għas-Sewwa
Taw demmhom fuq l-artal ta' art twelidhom.
Min aktar minnhom għandu l-jedd għar-rebħa?
It-torċa tal-Helsien qed nilmaħ f'idhom.

U Malta mbiċċra imma qatt mirbuħa,
Maħqura, msawta 'mma fil-għaqda sħiħa,
Il-lum ferħana 'l hinn mix-xefaq ħiemed
Tħares imkabbra b'ħarsa ta' rebbieħa.

Il-jum tar-Rebħa wasal. Ifraħ, Malta,
Għax sehmek int wettaqt: mhux darba w tnejn
Li sħaqt ras l-għadu ħajjen. Il-lum ifraħ,
Id-demm li xtered ma xteridx għalxejn.

8 ta' Settembru 1943. *Ġużè Chetcuti*

## WERREJ


| | | Paġna |
|---|---|---|
| X'inhu l-Qawmien Malti | A. Ġ. SAID | 1 |
| Mingħajr tixrid ta' demm m'hemmx fidwa | Patri B. GRECH o.f.m. | 5 |
| Parisina | ĠANNI GRIMA | 8 |
| X'inhu l-Ġens Malti | F. NICHOLAS | 9 |
| Flotta mirbuħa | Ġ. CHETCUTI | 12 |
| Bla qalb | W. ZAHRA | 13 |
| It-triq tar-rebħa | Ġ. CHETCUTI | 16 |
| It-taqbida għall-ilsien Malti | I. M. AZZOPARDI | 17 |
| Lill-Qalbenin | Ġ. CHETCUTI | 22 |
| George Cross | Ġ. GALEA | 23 |
| Imma nħossuna mkabbra | Ġ. CHETCUTI | 27 |
| Kull deni ħudu b'ġid | Ġ. GALEA | 29 |
| Jum ir-rebħa | Ġ. CHETCUTI | 34 |